I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

RAKKOMANDAZZJONIJIET

# IL-BORD EWROPEW TAR-RISKJU SISTEMIKU

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU

**tal-24 ta' Settembru 2020**

**dwar l-identifikazzjoni ta' entitajiet ġuridiċi**

**(BERS/2020/12)**

(2020/C 403/01)

IL-BORD ĠENERALI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2)(a), (b), (d) u (f) u l-Artikoli 16 sa 18 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni BERS/2011/1 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta' Jannar 2011 li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(3)(e) u l-Artikoli 18 sa 20 tagħha,

Billi:

(1) L-ekonomija globali hija bbażata fuq network elaborat, magħqud sew u ferm ikkomplikat ta' tranżazzjonijiet finanzjarji li huma maħluqa minn numru kbir ta' kuntratti transfruntiera b'effetti li jinħassu mad-dinja kollha. Dan in-network ma jinkludix biss istituzzjonijiet finanzjarji, iżda l-entitajiet kollha li jkollhom relazzjonijiet bejniethom u mas-swieq finanzjarji. Jekk jinqata' kwalunkwe nodu kruċjali wieħed f'dan in-network, partijiet kbar tan-network sħiħ jistgħu jinħallu, b'implikazzjonijiet globali sinifikanti. L-identifikazzjoni ċara tal-entitajiet individwali u l-konnessjonijiet bejniethom hija rekwiżit ewlieni biex titfassal mappa affidabbli tal-pajsaġġ ekonomiku u finanzjarju globali, li hija meħtieġa sabiex jonqos il-kontaġju.

(2) Il-kontaġju finanzjarju jseħħ għaliex l-entitajiet finanzjarji u mhux finanzjarji huma marbuta permezz ta' tranżazzjonijiet finanzjarji, u permezz ta' assi u obbligazzjonijiet finanzjarji. Il-kanali ta' kontaġju jinħolqu minn esponiment dirett permezz ta' rabtiet bejn is-settur finanzjarju u dak mhux finanzjarju kif ukoll minn esponiment indirett fejn l-entitajiet jiffurmaw parti mill-istess grupp. Il-kontaġju bejn l-entitajiet finanzjarji u dawk mhux finanzjarji jista' jinxtered fiż-żewġ direzzjonijiet u jkun evidenti b'mod ferm aktar drammatiku waqt il-kriżijiet. Għaldaqstant, kriżi finanzjarja tista' tinxtered mis-settur finanzjarju għas-settur mhux finanzjarju, kif jixhed il-falliment tal-bank tal-investiment Lehman Brothers fl-2008; kriżi ekonomika tista' tinxtered mis-settur mhux finanzjarju għas-settur finanzjarju, billi toriġina, pereżempju, fid-dejn eċċessiv ta' entitajiet mhux finanzjarji jew fi kwalunkwe kriżi severa ta' domanda jew ta' provvista. L-effetti ekonomiċi u finanzjarji tal-kriżi kkawżata mill-pandemija tal-coronavirus (COVID-19) joffru eżempju tal-interkonnessjonijiet stretti bejn is-settur finanzjarju u dak mhux finanzjarju. L-iffaċilitar tal-identifikazzjoni korretta ta' entitajiet mhux finanzjarji huwa għalhekk importanti daqs l-identifikazzjoni korretta tal-entitajiet finanzjarji, biex tiġi żgurata l-istabilità finanzjarja.

([1]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1.
([2]) ĠU C 58, 24.2.2011, p. 4.

(3) Gruppi finanzjarji kbar, bħal dawk ta' istituzzjonijiet globali sistemikament importanti (G-SIIs), għandhom strutturi legali ferm kumplessi li jikkonċentraw għadd ta' obbligi, inklużi ħafna li huma kbar. Il-G-SIIs spiss ikollhom numru sinifikanti ta' sussidjarji u/jew friegħi internazzjonali u jinteraġixxu ma' għadd kbir ta' kontropartijiet kbar. Il-falliment ta' xi G-SII bħal dawn jew ta' diversi minnhom, ikollu impatt negattiv fuq is-sistema finanzjarja f'ħafna pajjiżi u, b'mod aktar wiesa', fuq l-ekonomija globali. Ġew stabbiliti politiki biex jitnaqqsu kemm il-probabbiltà li jfallu l-G-SIIs kif ukoll l-impatti ta' tali fallimenti. Dan l-aħħar għan jista' jintlaħaq billi jittejbu l-miżuri globali ta' rkupru u ta' riżoluzzjoni. Aktar ma tkun kumplessa l-istruttura ta' grupp, aktar ikun kbir il-kost u aktar ikun meħtieġ żmien biex tiġi rkuprata u riżolta. Għaldaqstant, l-identifikazzjoni ta' gruppi bħal dawn, kif ukoll tal-entitajiet ġuridiċi tagħhom u tal-istruttura ġenerali tagħhom hija kruċjali biex tiġi żgurata l-istabilità finanzjarja.

(4) Fl-2012, il-G20 approvaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Bord għall-Istabilità Finanzjarja (FSB) rigward il-qafas għall-iżvilupp ta' sistema ta' identifikatur globali tal-entitajiet ġuridiċi (LEI) għall-partijiet għat-tranżazzjonijiet finanzjarji, u ħeġġew l-adozzjoni globali tal-LEI biex jgħin lill-awtoritajiet u lill-parteċipanti fis-suq jidentifikaw u jiġġestixxu r-riskju finanzjarju ([3]). Minn meta ġie introdott, il-LEI ġie adottat minn aktar minn miljun entità f'aktar minn 200 pajjiż. L-użu ta' identifikatur ta' entità ġuridika uniku, esklużiv u universali żied il-kapaċitajiet tal-awtoritajiet biex jevalwaw riskji sistemiċi u li jkunu qegħdin jiżviluppaw u jadottaw miżuri ta' rimedju. B'mod partikolari, l-identifikazzjoni ċara ta' partijiet għal kuntratti f'network ta' kuntratti finanzjarji globali pproċessati elettronikament b'veloċità għolja ħafna tippermetti lill-awtoritajiet jużaw teknoloġiji eżistenti sabiex janalizzaw l-interkonnettività, jidentifikaw katini potenzjali ta' kontaġju, u jintraċċaw l-abbuż tas-suq għal skopijiet ta' stabilità finanzjarja. Il-LEI sar essenzjali wkoll għall-konnessjoni ta' settijiet ta' *data* eżistenti ta' informazzjoni granulari dwar entitajiet minn sorsi multipli.

(5) Fl-2017, il-mexxejja tal-G20 laqgħu rakkomandazzjonijiet għall-promozzjoni tal-użu ta' identifikaturi komuni, b'mod partikolari il-LEI għall-entitajiet ([4]). Madankollu, fl-2019, f'rieżami tematiku dwar l-implimentazzjoni tal-LEI, l-FSB elenka sett ta' sfidi li kienet għadha qed tiffaċċja s-sistema LEI ([5]). Dawn jinkludu r-rata baxxa ta' adozzjoni tal-LEI minn entitajiet barra s-swieq tat-titoli u tad-derivattivi barra l-borża (OTC); il-mewġiet ta' ħruġ ta' darba wara l-adozzjoni ta' regolamenti tal-Unjoni bħar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) (magħruf aktar bħala l-"EMIR") u r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) (magħruf bħala l-"MiFIR") mingħajr żieda sostnuta maż-żmien; il-livell insuffiċjenti ta' adozzjoni volontarja tal-LEI; u l-adozzjoni limitata tal-LEI mill-entitajiet mhux finanzjarji. Barra minn hekk, billi ħafna mill-entitajiet omm tal-gruppi tal-G-SII għandhom LEIs, il-kopertura ġeneralment ma testendix għas-sussidjarji u l-friegħi internazzjonali kollha, jew għall-kontropartijiet kollha.

(6) Il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) huwa responsabbli għas-sorveljanza makroprudenzjali tas-sistema finanzjarja fl-Unjoni. Fit-twettiq tal-kompitu tiegħu, il-BERS għandu jikkontribwixxi sabiex jiżgura l-istabilità finanzjarja u jtaffi l-impatti negattivi fuq is-suq intern u l-ekonomija reali. Għal dawn l-iskopijiet, id-disponibbiltà u l-adozzjoni wiesgħa ta' identifikatur uniku li jidentifika b'mod inekwivoku lill-entitajiet involuti fi tranżazzjonijiet finanzjarji huma ta' importanza essenzjali. Ir-rata baxxa ta' adozzjoni tal-LEI msemmija aktar 'il fuq tikkostitwixxi fattur li jista' jfixkel l-affidabilità tal-analiżi tal-istabilità finanzjarja, u dan jagħmilha diffiċli biex ir-riskji fis-swieq nazzjonali jiġu evalwati u mqabbla b'mod preċiż. Għaldaqstant id-diskrepanzi fl-adozzjoni tal-LEI għandhom jiġu indirizzati.

(7) L-iskop ta' din ir-Rakkomandazzjoni huwa li tikkontribwixxi, f'konformità mal-mandat tal-BERS, għall-prevenzjoni u l-mitigazzjoni ta' riskji sistemiċi għall-istabilità finanzjarja fl-Unjoni permezz tal-istabbiliment ta' użu sistematiku tal-LEI mill-entitajiet involuti fi tranżazzjonijiet finanzjarji. Biex tilħaq dan l-għan, din ir-Rakkomandazzjoni titlob l-introduzzjoni ta' qafas legali tal-Unjoni biex jiġu identifikati b'mod uniku l-entitajiet ġuridiċi involuti fi tranżazzjonijiet finanzjarji permezz tal-LEIs u biex isir użu aktar sistematiku tal-LEI fir-rigward tar-rapportar

([3]) Ara il-"G20 Leaders' Declaration", disponibbli fuq is-sit web tal-G20 fuq https://g20.org/en/g20/Documents/2012-Mexico-Leaders-Declaration0619-loscabos.pdf

([4]) Ara l-"Annex to G20 Leaders' Declaration: G20 Hamburg Action Plan", disponibbli fuq is-sit web tal-G20 fuq https://www.g20germany.de/Content/DE/_Anlagen/G7_G20/2017-g20-hamburg-action-plan-en___blob=publicationFile&v=4.pdf

([5]) Ara t-"Thematic Review on Implementation of the Legal Entity Identifier", disponibbli fuq is-sit web tal-FSB fuq https://www.fsb.org/wp-content/uploads/P280519-2.pdf

([6]) Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).

([7]) Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012(UE) (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84).

superviżorju u l-iżvelar pubbliku. Filwaqt li jqis iż-żmien għall-adozzjoni ta' tali qafas tal-Unjoni, il-BERS jirrakkomanda li l-awtoritajiet rilevanti jsaħħu u jissistematizzaw l-isforzi tagħhom sabiex jippromwovu l-adozzjoni u l-użu tal-LEI, billi jagħmlu użu għal dan l-iskop mid-diversi setgħat regolatorji jew superviżorji li ngħataw mid-dritt nazzjonali jew mid-dritt tal-Unjoni.

(8) L-ewwel għan tar-Rakkomandazzjoni huwa li tiżgura li l-entitajiet kollha stabbiliti fl-Unjoni li jkunu involuti fi tranżazzjonijiet finanzjarji jiksbu u jżommu LEI. L-adozzjoni tal-LEI fl-Unjoni kienet imqanqla prinċipalment mir-rekwiżiti regolatorji stabbiliti fil-leġiżlazzjoni bħar-Regolament (UE) Nru 648/2012, ir-Regolament (UE) Nru 600/2014, ir-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]) u r-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]). Dawk ir-rekwiżiti japplikaw għal entitajiet involuti fi tranżazzjonijiet derivattivi OTC, fi tranżazzjonijiet f'derivattivi u strumenti finanzjarji oħrajn innegozjati f'ċentri tan-negozjar u fi tranżazzjonijiet ta' finanzjament ta' titoli, kif ukoll għall-emittenti tat-titoli. Atti leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi oħrajn, bħar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]), applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u dawk finanzjarji, u r-Rakkomandazzjoni tal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) dwar l-użu tal-Identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI) ([11]), kif ukoll il-Linji Gwida tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) dwar l-użu tal-Identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI) ([12]), ukoll jirrikjedu jew jirrakkomandaw l-użu tal-LEI. Madankollu, ma hemm l-ebda approċċ uniformi fis-swieq u l-użu tal-LEI attwalment ma jestendix għas-setturi mhux finanzjarji, u dan ifisser kopertura frammentata tal-LEI u l-esklużjoni ta' setturi importanti. Qafas legali tal-Unjoni li jirregola l-użu tal-LEI fl-Unjoni jikseb implimentazzjoni koerenti fis-setturi kollha tal-ekonomija u b'hekk jimmassimizza l-benefiċċji li jirriżultaw mill-użu tal-LEI. Sadanittant, u sakemm dan il-qafas jiġi adottat, l-entitajiet sorveljati fl-Unjoni għandhom ikunu mħeġġa jiksbu LEI u l-awtoritajiet li jissorveljawhom għandhom, sa fejn huwa permess mil-liġi, jirrikjedu li jkollhom LEI.

(9) Il-prinċipju tal-proporzjonalità għandu jiġi applikat biex jiġi evitat piż ta' kost żejjed. Pereżempju, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tista' teżenta lil entitajiet iżgħar li ma jiffurmawx parti minn grupp usa' mir-rekwiżit li jiksbu LEI, jew tirrikjedi li jingħataw LEI mingħajr ħlas. L-indirizzar tal-aspetti tal-kost tal-LEI permezz ta' approċċ proporzjonat huwa ta' importanza konsiderevoli ħafna minħabba li l-metodi ta' identifikazzjoni ta' entitajiet ġuridiċi jvarjaw bejn ġurisdizzjoni u oħra. Fl-Unjoni jeżistu identifikaturi nazzjonali u oħrajn u dawn jintużaw biex ikopru ħtiġijiet speċifiċi. Pereżempju, l-Identifikatur Uniku Ewropew (EUID) jintuża fis-Sistema ta' Interkonnessjoni tar-Reġistri Kummerċjali biex tiġi żgurata l-interoperabilità fost ir-reġistri kummerċjali tal-Istati Membri. Madankollu, il-LEI, bħala identifikatur globali li jimmira għal kopertura universali u jindirizza varjetà kbira ta' applikazzjonijiet, huwa adattat aħjar għall-iskop ta' monitoraġġ tal-istabilità finanzjarja, minħabba l-interkonnessjonijiet importanti li jeżistu bejn l-entitajiet fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi. Il-BERS huwa tal-fehma li r-reġistri kummerċjali fl-Unjoni jistgħu jkollhom rwol x'jaqdu fl-allokazzjoni tal-LEIs, flimkien mal-identifikaturi nazzjonali u l-EUIDs.

(10) Minn meta l-LEI sar disponibbli, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) ilhom jippromwovu bil-qawwa l-LEI u l-użu tiegħu b'rabta mar-rekwiżiti ta' rapportar. Madankollu, għad hemm lakuni f'dan il-qasam. Għaldaqstant, it-tieni għan tar-Rakkomandazzjoni huwa li tiżgura l-użu sistematiku u komprensiv tal-LEI għall-identifikazzjoni ta' entitajiet fir-rapportar ta' informazzjoni finanzjarja. L-ewwel, jekk l-entità soġġetta għall-obbligu ta' rapportar tkun meħtieġa żżomm LEI sabiex tidentifika lilha nfisha, dan jippermetti lill-awtoritajiet jidentifikaw b'mod uniku entitajiet f'oqfsa ta' rapportar differenti. It-tieni, il-LEI għandu jintuża b'mod aktar sistematiku u komprensiv sabiex jiġu identifikati entitajiet oħrajn li għalihom l-entità li tirrapporta hija wkoll meħtieġa tirrapporta informazzjoni. Dawn l-entitajiet jinkludu, iżda m'humiex limitati għal, emittenti ta' strumenti finanzjarji, kontropartijiet għat-tranżazzjonijiet finanzjarji, u entitajiet relatati.

---

([8]) Ir-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar it-trasparenza ta' transazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli u l-użu mill-ġdid u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 1).

([9]) Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1)

([10]) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

([11]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-EBA dwar l-użu tal-Identifikatur tal-Entità Ġuridika (LEI) (EBA/REC/2014/01), disponibbli fuq is-sit web tal-EBA fuq https://eba.europa.eu/sites/default/documents/files/documents/10180/561173/4358fbb8-f1d7-4e05-aab6-ef9190918bf4/EBA_2014_00370000_MT_TRA.pdf

([12]) Il-Linji Gwida dwar l-użu tal-Identifikatur ta' Entità Ġuridika (LEI) (EIOPA-BoS-14-026), disponibbli fuq is-sit web tal-EIOPA fuq https://www.eiopa.europa.eu/sites/default/files/publications/eiopa_guidelines/eiopa_2014_00120000_mt_tra_0.pdf

(11) Entità li għaliha trid tiġi rrapportata informazzjoni finanzjarja jista' ma jkollhiex LEI. Dan ikun il-każ, pereżempju, fejn entità stabbilita fl-Unjoni tkun eżentata taħt il-prinċipju tal-proporzjonalità jew fejn entità stabbilita f'pajjiż terz ma tkunx akkwistat LEI. Diġà ġew implimentati diversi liġijiet biex jillimitaw l-aċċess ta' entitajiet mingħajr LEI għas-swieq finanzjarji fl-Unjoni. Ir-regola taħt ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 li hija magħrufa bħala r-regola "ebda LEI, ebda kummerċ" kienet ta' importanza kruċjali għall-adozzjoni tal-LEI fl-Unjoni billi tirrikjedi LEI bħala prekundizzjoni għall-aċċess għas-swieq tal-Unjoni. ([13]) F'każijiet fejn in-nuqqas ta' LEI ma jkunx iġġustifikat, il-BERS jinkoraġġixxi lid-destinatarji ta' din ir-Rakkomandazzjoni sabiex jadottaw approċċ simili għar-regola, "ebda LEI, ebda kummerċ", fejn xieraq.

(12) Minn meta l-LEI sar disponibbli, l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u l-ASE ukoll kienu qed jippromwovu l-LEI u l-użu tiegħu fil-kuntest tal-iżvelar pubbliku. Il-LEI kien qed jintuża b'mod volontarju jew kien meħtieġ li jintuża f'ċerti reġistri pubbliċi, fil-pubblikazzjoni tar-riżultati tat-testijiet tal-istress u fi żvelar obbligatorju jew volontarju ieħor ta' *data*. Madankollu, il-LEI għadu mhux qed jintuża b'mod sistematiku peress li dan għadu ma sarx obbligatorju fil-każijiet kollha, kemm jekk taħt id-dritt tal-Unjoni kif ukoll taħt id-dritt nazzjonali. Biex jikkontribwixxu għat-tielet għan ta' din ir-Rakkomandazzjoni, jiġifieri, sabiex jippromwovu l-għarfien u l-użu tal-LEI mill-pubbliku ġenerali u jiffaċilitaw l-aċċess tal-pubbliku ġenerali għall-informazzjoni dwar il-kumpaniji permezz tal-użu tal-LEI, l-awtoritajiet rilevanti għandhom itejbu aktar u jissistematizzaw ir-referenzi għal-LEI fl-iżvelar tal-informazzjoni dwar l-entitajiet.

(13) Din ir-Rakkomandazzjoni ġiet imħejjija filwaqt li tqiesu l-inizjattivi internazzjonali u Ewropej li għaddejjin bħalissa fil-qasam, inklużi, pereżempju, il-proposti tal-FSB fir-rieżami tematiku tiegħu tal-2019 dwar l-implimentazzjoni tal-LEI imsemmi aktar 'il fuq.

(14) Din ir-Rakkomandazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-mandati tal-politika monetarja tal-banek ċentrali fl-Unjoni.

(15) Ir-rakkomandazzjonijiet tal-BERS jiġu ppubblikati wara li jkunu ġew infurmati d-destinatarji, u wara li l-Bord Ġenerali jkun informa lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-intenzjoni tiegħu li jagħmel dan u wara li jkun ipprovda lill-Kunsill b'opportunità li jirreaġixxi,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

TAQSIMA 1

## RAKKOMANDAZZJONIJIET

### Rakkomandazzjoni A — Introduzzjoni ta' qafas tal-Unjoni dwar l-użu tal-identifikatur ta' entità ġuridika

1. Huwa rrakkomandat li l-Kummissjoni tipproponi li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tinkludi qafas legali komuni tal-Unjoni li jirregola l-identifikazzjoni ta' entitajiet ġuridiċi stabbiliti fl-Unjoni li jkunu involuti fi tranżazzjonijiet finanzjarji permezz ta' identifikatur ta' entità ġuridika (LEI), bil-kunsiderazzjoni dovuta tal-prinċipju tal-proporzjonalità, filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġi evitat jew mitigat ir-riskju sistemiku għall-istabilità finanzjarja fl-Unjoni u b'hekk jintlaħqu l-għanijiet tas-suq intern.

2. Huwa rrakkomandat li l-Kummissjoni tipproponi li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li timponi obbligu fuq l-entitajiet ġuridiċi sabiex jirrapportaw informazzjoni finanzjarja, bil-kunsiderazzjoni dovuta tal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif espress fir-Rakkomandazzjoni A(1), tinkludi l-obbligu li permezz ta' LEI, jiġu identifikati:

   (a) l-entità ġuridika soġġetta għall-obbligu ta' rapportar; u

   (b) kwalunkwe entità ġuridika oħra li dwarha trid tiġi rrapportata informazzjoni u li għandha LEI.

3. Huwa rrakkomandat li l-Kummissjoni tipproponi li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tinkludi obbligu fuq l-awtoritajiet li jidentifikaw permezz tal-LEI tagħha kwalunkwe entità ġuridika li dwarha jiżvelaw pubblikament informazzjoni u li għandha LEI, b'kunsiderazzjoni dovuta għall-prinċipju tal-proporzjonalità, kif espress fir-Rakkomandazzjoni A(1).

([13]) Ara l-Artikolu 13(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/590 tat-28 ta' Lulju 2016 li jissupplementa r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għar-rapportar ta' tranżazzjonijiet lill-awtoritajiet kompetenti (ĠU L 87, 31.3.2017, p. 449) li jipprovdi li "Ditta tal-investiment ma għandhiex tipprovdi servizz li jqanqal l-obbligu li tippreżenta rapport dwar it-tranżazzjoni għal tranżazzjoni li tkun iddaħħlet f'isem klijent li jkun eliġibbli għall-kodiċi ta' identifikatur ta' entità ġuridika, qabel ma jakkwista l-kodiċi ta' identifikatur ta' entità ġuridika minn dak il-klijent".

**Rakkomandazzjoni B — L-użu tal-identifikatur ta' entità ġuridika sal-introduzzjoni possibbli tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni**

Sakemm tittieħed kwalunkwe azzjoni mill-Kummissjoni sabiex tikkonforma mar-Rakkomandazzjoni A u sakemm tiġi introdotta possibbilment leġiżlazzjoni korrispondenti tal-Unjoni, huwa rrakkomandat li sa fejn huwa permess mil-liġi u soġġett għall-prinċipju tal-proporzjonalità:

1. l-awtoritajiet rilevanti jirrikjedu jew, fejn applikabbli, ikomplu jirrikjedu, li l-entitajiet ġuridiċi kollha involuti fi tranżazzjonijiet finanzjarji taħt il-mandat superviżorju tagħhom ikollhom LEI;

2. l-awtoritajiet, meta jabbozzaw, jimponu, jew jemendaw obbligi ta' rapportar finanzjarju jinkludu jew, fejn applikabbli, ikomplu jinkludu, f'dawn l-obbligi obbligu li permezz ta' LEI, jiġu identifikati:

   (a) l-entità ġuridika soġġetta għall-obbligu ta' rapportar; u

   (b) kwalunkwe entità ġuridika oħra li dwarha trid tiġi rrapportata informazzjoni u li għandha LEI;

3. l-awtoritajiet jidentifikaw jew, fejn applikabbli, ikomplu jidentifikaw, permezz tal-LEI tagħha, kwalunkwe entità ġuridika li dwarha jiżvelaw pubblikament informazzjoni u li għandha LEI.

TAQSIMA 2

**IMPLIMENTAZZJONI**

1. **Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "awtorità rilevanti" tfisser:

   (i) l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jew superviżorji kif speċifikat fl-atti tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([14]), ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([15]) u r-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([16]);

   (ii) il-BĊE taħt l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 ([17]);

   (iii) awtoritajiet maħtura skont il-Kapitolu 4 tat-Titolu VII tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([18]) jew l-Artikolu 458(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

   (iv) awtoritajiet makroprudenzjali bl-għanijiet, l-arranġamenti, il-kompiti, is-setgħat, l-istrumenti, ir-rekwiżiti ta' akkontabilità u karatteristiċi oħrajn stipulati fir-Rakkomandazzjoni BERS/2011/3 ([19]).

   (v) awtoritajiet ta' riżoluzzjoni maħtura mill-Istati Membri skont id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([20]);

(b) "awtoritajiet" tfisser:

   (i) awtoritajiet rilevanti;

   (ii) l-EBA;

---

([14]) Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

([15]) Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

([16]) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

([17]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013. p. 63).

([18]) Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

([19]) Ir-Rakkomandazzjoni BERS/2011/3 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tat-22 ta' Diċembru 2011 dwar il-mandat makroprudenzjali tal-awtoritajiet nazzjonali (ĠU C 41, 14.2.2012, p. 1).

([20]) Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190).

(iii) l-EIOPA;

(iv) l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq;

(v) il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni;

(c) "identifikatur ta' entità ġuridika" (LEI) tfisser kodiċi ta' referenza ta' 20 karattru biex jidentifika b'mod uniku entitajiet ġuridikament distinti li jidħlu fi tranżazzjonijiet finanzjarji u *data* ta' referenza assoċjata u li huwa bbażat fuq l-istandard tal-ISO 17442 żviluppat mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni;

(d) "entità ġuridika" tfisser entità li hija eliġibbli għal LEI skont l-istandard u l-gwida tal-ISO17442 dwar l-eliġibilità għal LEI ippubblikati mill-Kumitat tas-Sorveljanza Regolatorja għas-Sistema ta' Identifikatur tal-Entità Ġuridika Globali;

(e) "tranżazzjoni finanzjarja" tfisser, skont il-paragrafu 1.66(c) tal-Anness A tar-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([21]), l-akkwist nett ta' assi finanzjarji jew it-tiġrib nett ta' obbligazzjonijiet għal kull tip ta' strument finanzjarju.

## 2. **Kriterju għall-implimentazzjoni**

Fl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni għandha tingħata l-kunsiderazzjoni dovuta lill-prinċipju tal-proporzjonalità, filwaqt li jitqiesu l-għan u l-kontenut ta' kull rakkomandazzjoni.

## 3. **Skeda ta' żmien għas-segwitu**

Skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010, id-destinatarji huma mitluba li jirrapportaw dwar l-azzjonijiet meħuda b'reazzjoni għal din ir-Rakkomandazzjoni, jew li jiġġustifikaw b'mod adegwat kwalunkwe nuqqas ta' azzjoni, skont l-iskedi ta' żmien li ġejjin:

1. Rakkomandazzjoni A

   Sat-30 ta' Ġunju 2023, il-Kummissjoni hija mitluba tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-BERS dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni A.

2. Rakkomandazzjoni B

   Sal-31 ta' Diċembru 2021, id-destinatarji tar-Rakkomandazzjoni B huma mitluba li jibagħtu lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-BERS rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni B.

## 4. **Monitoraġġ u evalwazzjoni**

1. Is-Segretarjat tal-BERS se:

   (a) jassisti lid-destinatarji, billi jiżgura l-koordinazzjoni tar-rapportar u l-forniment tal-mudelli rilevanti, u jagħti dettalji fejn meħtieġ dwar il-proċedura u l-iskeda ta' żmien għas-segwitu, bl-għan li jnaqqas il-piż ta' rapportar fuq id-destinatarji;

   (b) jivverifika s-segwitu mid-destinatarji, jipprovdi assistenza fuq talba tagħhom, u jissottimetti rapporti ta' segwitu lil-Bord Ġenerali permezz tal-Kumitat ta' Tmexxija.

2. Il-Bord Ġenerali se jivvaluta l-azzjonijiet u l-ġustifikazzjonijiet irrapportati mid-destinatarji u, fejn xieraq, jista' jiddeċiedi li din ir-Rakkomandazzjoni ma ġietx segwita u li destinatarju naqas milli jipprovdi ġustifikazzjoni adegwata għan-nuqqas ta' azzjoni tiegħu.

Magħmul fi Frankfurt am Main, l-24 ta' Settembru 2020.

*Kap tas-Segretarjat tal-BERS,*
*f'isem il-Bord Ġenerali tal-BERS*
Francesco MAZZAFERRO

---

([21]) Ir-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1).